# Smigħ Teleskopju 3

**Testi tal-podcasts li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/podcasts/teleskopju-3/**

## Taqsima 1: L-istaġuni

*Paġna 8*

**L-erba' staġuni**
***ta' Clare Azzopardi***

Mela darba waħda ltaqgħu l-istaġuni flimkien u bdew jitkellmu. Il-ħarifa kienet xi ftit irrabjata għax is-sajf kien qed idum wisq. Anki x-xitwa xtaqet li s-sajf jispiċċa biex imbagħad tibda l-ħarifa u eżatt wara tibda hi. Tgħid x'jgħidilhom is-sajf meta jismagħhom igergru fuqu? U r-rebbiegħa? X'jgħidilhom meta jkun sema' lis-sajf jiftaħar? Din ir-reċta qasira li se tisimgħu fiha erba' karattri li huma l-erba' staġuni: is-sajf, il-ħarifa, ix-xitwa u r-r-rebbiegħa.

*Il-ħarifa:* Uff xi sħana! Dan kemm se jdum is-sajf?! Lilek dejqek ukoll hux, Sinjura xitwa!
*Ix-xitwa:* Ħafna wkoll għażiża ħarifa. Donnu ma jrid jgħaddi qatt, kif jagħmel!
*Il-ħarifa:* In-nies qed jistennewni bi ħġarhom. Qed jistennew naqra żiffa u ftit frisk.
*Ix-xitwa:* Ħalli mbagħad niġi jien, ix-xitwa, u miegħi nġib ix-xita …
*Is-sajf:* Uuuuu mhux xita biss iġġib int Sinjura xitwa imma wkoll ir-ragħad u s-sajjetti, il-bard u l-ksieħ. In-nies ma jħobbukx lilek. Dawk lili jħobbu, is-sajf, għax jien intihom ix-xemx tiżreġ u l-baħar sħun.
*Il-ħarifa:* U kemm se jdumu jgħumu, ajma!
*Is-sajf:* Ngħidlek is-sewwa, għażiża sinjura ħarifa, jien qatt ma rajt lil ħadd imdejjaq fil-baħar, jew taħt umbrella b'xi biċċa ħobż biż-żejt u t-tadam.
*Ix-xitwa:* Ma nafx jien … kull meta nġib ix-xita nara n-nies ferħanin għax il-kampanja tibda tħaddar. Ara issa, ħares madwarek sur sajf … kollox mejjet, isfar u niexef.
*Is-sajf:* U s-sema blu ma tarahx? Ara meta tiġi int, ħlief sema griż ma jkollniex.
*Ir-rebbiegħa:* Oj, oj, staġuni ħbieb tiegħi, isktu! Hawnhekk ħadd mhu aqwa minn ħaddieħor.
Lili, in-nies iħobbuni għax infuħ. Nagħtihom il-fjuri u nsebbaħ il-gallariji u l-ġonna. Lilek, Sinjura ħarifa, iħobbuk għax tibdel il-kuluri tal-weraq. Kemm inħobb nara l-weraq nieżel bil-mod il-mod.
*Ix-xitwa:* U jien?
*Ir-rebbiegħa:* Inti, Sinjura xitwa, tagħtina l-ilma u ġġib miegħek il-Milied, l-iktar festa li t-tfal u l-kbar jieħdu gost biha. U inti, Sur sajf, int tferraħ għax iġġib il-vaganzi u s-safar, ix-xemx u l-baħar.
*Is-sajf:* Għandek raġun. In-nies iħobbu l-varjetà.
*Il-ħarifa, ix-xitwa u r-rebbiegħa:* U mela s-sajf biss!

## Taqsima 2: Madwar id-dinja

*Paġna 16*

**Il-bnadar taz-ziju Karl**

Iz-ziju Karl għandu inkwatru kbir kollu bnadar ta' pajjiżi differenti. Ma stajtx nieqaf inħares lejhom. Qalli li hu jagħrafhom kollha u jaf kull bandiera ta' liema pajjiż hi. U jien dak il-ħin iddeċidejt li se nitgħallimhom ukoll. Diġà naf xi ftit minnhom bl-amment …

Il-bandiera tal-Italja maqsuma fi tlieta, aħdar, abjad u aħmar.

Tal-Ġappun bajda b'ċirku aħmar fin-nofs.

Imbagħad hemm tal-Iżvezja, dik blu b'salib isfar.

U tal-Ġermanja fiha tliet strixxi, sewda, ħamra u safra.

Il-bandiera tal-Arġentina niftakarha sew … ċelesti bi strixxa bajda fin-nofs u fuqha għandha xemx.

Tal-Kanada l-favorita tiegħi … bajda bl-aħmar u għandha werqa kbira fin-nofs.

Ta' Malta tafu kif inhi hux hekk? Nofsha bajda u nofsha ħamra u fuq l-abjad għandha l-George Cross.

Għada z-ziju Karl se jagħmilli test. U jien se nġib kollox tajjeb!

## Taqsima 3: Il-pjanti

*Paġna 23*

**Kif għandek tiżra' pjanta**

X'għandek bżonn:
Qasrija
Ftit ħamrija jew kompost
Pala żgħira
Żerriegħa
Ilma

Metodu:
1. Ipprepara l-affarijiet li għandek bżonn.
2. Uża l-pala biex timla l-qasrija bil-ħamrija jew bil-kompost.
3. Poġġi ż-żerriegħa fil-wiċċ.
4. Għatti ż-żerriegħa bi ftit ħamrija jew kompost.
5. Saqqi bl-ilma.
6. Poġġi l-qasrija fix-xemx.
7. Saqqi regolarment u stenna sakemm il-pjanta tibda tikber.

## Taqsima 4: Il-passatempi

*Paġna 32*

**Il-passatemp tan-nannu Ġużi**

Illum mort għand in-Nannu Ġużi u qalli li meta hu kien żgħir kellu passatemp li kien joħodlu ħafna ħin. Ħareġ xi kotba kbar u xħin fetaħ l-ewwel wieħed bqajt skantata. Kien kollu mimli bolol. Sewwa smajt … bolol! In-nannu qalli li fi żmienu kienu jużawhom ħafna għax peress li ma kellhomx internet kienu jibagħtu ħafna ittri bil-posta. U kull ittra kien ikollha bżonn bolla!

Taf kemm għandu bolol? Erba' albums sħaħ. Għandu minnhom bil-karozzi tal-linja, oħrajn b'xi postijiet Maltin bħal tempji jew knejjes u anke bolol bil-luzzu Malti. Imbagħad urieni bolla ta' meta San Pawl ġie Malta. Qalli, "Din bolla rari u antika. Kien tahieli n-nannu, li wkoll kellu dan il-passatemp. Din il-bolla għandha madwar mitt sena."

Kemm ħadt gost nara dawk il-bolol kollha u nisma' lin-nannu jirrakkonta.

## Taqsima 5: L-ambjent

*Paġna 40*

**Ġlieda kontra l-plastik**

Jiena Sara u għandi missjoni. Irrid neqred il-plastik minn wiċċ id-dinja. Għalissa bdejt mid-dar tiegħi stess. Tafu li l-plastik li nużaw jibqa' jdur fid-dinja għal ħafna u ħafna snin? Flixkun tal-ilma tal-plastik idum iktar minn 400 sena u aktarx jispiċċa xi mkien fil-baħar.

Allura jien għamilt lista ta' affarijiet li nista' nagħmel:

1. Minflok nieħu flixkun tal-ilma tal-plastik l-iskola, nieħu wieħed li nista' nerġa' nużah.
2. Minflok f'borża tal-plastik, l-ikel li nieħu l-iskola npoġġih ġo kontenitur li jerġa' jintuża.
3. Meta mmur is-supermarket ma nixtrix ħaxix fil-pakketti tal-plastik.
4. Meta joffruli basket tal-plastik, ngħidilhom, "Le grazzi, għandi wieħed tad-drapp."
5. Minflok xkupilja tas-snien tal-plastik nuża waħda tal-qasab; u
6. Qatt u qatt ma nuża *straw* tal-plastik.

Mhux daqshekk diffiċli le?

Titħajjar tingħaqad miegħi int ukoll?

## Taqsima 6: Is-snien

*Paġna 50*

Bonġu tfal. Jiena Timmy u nerġa' nilqagħkom għall-programm "Is-saħħa l-ewwel". Din il-ġimgħa se nsiru nafu aktar dwar il-kura tas-snien.

Importanti li naħslu snienna mill-inqas darbtejn kuljum, filgħodu u filgħaxija. Meta naħslu snienna tajjeb li nogħrku s-snien kollha u mhux ta' quddiem biss. U m'hemmx għaġla, qisu qed jiġri warajna xi ħadd! Il-ħasil tas-snien għandu jsir sew u jdum madwar żewġ minuti.

Tajjeb ukoll li nibdlu l-ixkupilja tas-snien kull tliet xhur.

Biex inżommu snienna fi stat tajjeb ikun tajjeb li nieklu ħafna ħaxix u frott. Irridu wkoll nevitaw ikel u xorb b'ħafna zokkor. Ftakru li l-aħjar xarba hija tazza ilma friska.

Ara wkoll li tmur għand id-dentist b'mod regolari ħalli tiċċekkja u tnaddaf snienek.

L-aħħar parir tiegħi hu li dejjem tieħdu ħsieb snienkom u titbissmu spiss.

Insellmilkom u nerġgħu niltaqgħu nhar il-Ħamis li ġej.

## Taqsima 7: Il-kotba

*Paġna 56*

**Il-librerija l-ġdida**

Nixtiequ ninfurmaw lill-pubbliku li l-librerija l-ġdida ta' Ħal Bużbież waslet biex tiftaħ. Fl-aħħar xahar sar ħafna xogħol biex il-librerija titkabbar u tkun tista' toffri iktar kotba għal qarrejja ta' kull età.

Tistgħu ssibu kotba tad-daħq, kotba ta' informazzjoni u xi kotba bi stejjer ta' mħabba jew stejjer eċitanti u avventurużi wkoll.

Għalhekk, nistednukom iżżuru l-librerija fi Triq in-Naħal minn nhar is-Sibt 15 ta' Novembru. Dakinhar se jkun hemm sorpriża sabiħa tistenniekom.

Il-librerija tkun miftuħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-tlieta u s-sitta ta' waranofsinhar u nhar ta' Sibt bejn id-disgħa ta' filgħodu u nofsinhar.

Nisperaw li narawkom.

## Taqsima 8: Bliet u rħula

*Paġna 63*

*Toni:* Bonġu Leli. Kollox sew?
*Leli:* Ara Toni, dan x'ġabek lejn Ħal Balluta?
*Toni:* Ġejt nimxi ftit fil-kampanja. U int?
*Leli:* Jien minn hawn, minn Ħal Balluta, u l-kwiet u l-ġmiel tan-natura ma nibdilhom ma' xejn.
*Toni:* Sew qed tgħid, hawnhekk hawn l-hena. U l-arja friska tagħmillek il-ġid. Aħna li ngħixu fl-ibliet imdorrijin fil-ġenn. Ħafna karozzi u storbju u tniġġis. Imma jien hekk drajt u l-ħajja tal-belt insibha komda. Issib minn kollox, supermarkets u ħwienet ta' kull tip, ristoranti, lukandi u kollox qrib.
*Leli:* Issa anke f'Ħal Balluta għandna lukanda tafx! Il-lukanda ta' Martina. Fetħet dan l-aħħar. Tgħidx kemm hi sabiħa u aqta' xiex … din il-lukanda speċjali għax is-saqaf tagħha … mhux se nkompli ngħidlek ara. Mur int stess ħa tibqa' mbellah.
*Toni:* Issa qabbadtni kurżità. Taf tispjegali fejn qiegħda?
*Leli:* Dażgur. Ara, ibqa' sejjer dritt u dur mat-tieni triq fuq il-lemin. Imbagħad dur mal-ewwel triq fuq ix-xellug. Il-lukanda qiegħda ftit 'il fuq mill-għassa tal-pulizija. Għandha faċċata ċelesti. Taraha żgur.
*Toni:* Mela, indur mat-tieni triq fuq il-lemin u mbagħad indur mal-ewwel triq fuq ix-xellug.
*Leli:* Hekk hu.
*Toni:* Tajjeb ħafna. Grazzi ħabib.
*Leli:* M'hemmx imniex Ton. Narak.

## Taqsima 9: Il-maġija

*Paġna 71*

*Lippu:* Hello! Lippu Kalippu hawnhekk. Kif nista' naqdik?
*Ġiġi:* Bonġu Lippu. Jiena Ġiġi l-qattus ta' Pina. X'biċċa ġratilna! Pina saret żringa. Għinni jekk jogħġbok. X'se nagħmel?
*Lippu:* Ikkalma Ġiġi. Affarijiet li jiġru dawn. Tinkwieta xejn. Ħa ngħidlek jien x'tista' tagħmel.
*Ġiġi:* Grazzi ħafna, Lippu. Se nieħu nota ta' kollox.
*Lippu:* Ikteb dawn. Għandek bżonn: rixa ħadra, bott ċiċri skadut, denb ta' gremxula, erba' xagħriet bojod, tadama mmuffata, u flixkun ilma tax-xita. Ktibt kollox?
*Ġiġi:* Iva, rixa ħadra, bott ċiċri skadut, denb ta' gremxula, erba' xagħriet bojod, tadama mmuffata, u flixkun ilma tax-xita.
*Lippu:* Tajjeb! Ħallat kollox fil-borma ta' Pina.
Ixgħel in-nar.
Ħallih ibaqbaq għal siegħa sħiħa.
U meta jiksaħ tih lil Pina biex tixorbu.
*Ġiġi:* Daqshekk biss?
*Lippu:* Leee stenna! Waqt li qed tixorbu għid il-frażi maġika "Żringi Flingi Fleksi Puff" … Ħa nerġa' ngħidhielek, "Żringi Flingi Fleksi Puff". Fhimtni sew?
*Ġiġi:* "Żringi Flingi Fleksi Puff", tajba hekk?

*Lippu:* Qis li tgħidha sew ma tmurx tinbidel f'xi dundjan!
*Ġiġi:* Maaa x'biża'! Ħalli f'idi, Lippu. Grazzi minn qalbi.
*Lippu:* M'hemmx imniex ħabib. Moħħok hemm.

## Taqsima 10: Il-ħbiberija

*Paġna 78*

**Ċimm pumm paqq**

Roberto, kif sebaħ, qam jaqbeż u jogħla
Għax kien dakinhar l-ewwel jum tal-iskola,
Kien tant eċitat … wasal sewwa fil-ħin,
Ma' salt tfal iltaqa' … ilkoll ferħanin.

L-għalliema laqgħetu malajr bi tbissima,
Kemm tidher dħulija, simpatka u ħanina!
U anki t-tfal l-oħra ġew fis isellmulu,
Jegħmżuh, ixejrulu u lkoll jitbissmulu.

'Mma ftit 'il bogħod minnhom … iħarsu fiss lejhom
Kien hemm żewġt itfal b'ħarsa kerha f'għajnejhom;
It-tifel b'idejh f'ponnijiet marsusin,
U t-tifla titkerrah b'għajnejha mberrqin!

"Roberto, attent!" resqet tgħidlu Sabrina,
"Dawk iż-żewġt itfal huma Mark u Martina:
Kulħadd xeba' minnhom għax ma jieqfu qatt
Isawtu u jfajru bl-addoċċ lil kulħadd!"

Roberto, miskin, ma tax kas tat-twissija:
Dlonk mar ħdejn Martina b'sens ta' ħbiberija,
Din iżda mingħajr ma ħasbitha darbtejn
Ħatfitu minn xagħru u ċapċpitlu daqqtejn.

It-tfal sħab Roberto ilkoll iċċassaw
Tant iddispjaċiehom b'dak kollu li raw!
Ma setgħu qatt jifhmu għalfejn dax-xenati,
L-għaliex dawn it-tfal kienu tant irrabjati.

L-għalliema 'l Martina fil-pront sejħitilha,
"Int meta se trabbi ftit għaqal?" qaltilha.
"Hemm ara, dawk sħabek ilkoll jiskartawk,
Xħin tfajjar bil-ponn u tiġġieled jarawk!"

*Silta minn Ċimm Pumm Paqq (addattament ta' Trevor Żahra)*

## Taqsima 11: L-annimali

*Paġna 86*

**Ċensu l-kelb**
***ta' Leanne Ellul***

Kien hemm bidwi jrabbi t-tiġieġ, iż-żwiemel, il-baqar u l-klieb. Kollha kienu għal qalbhom f'dik l-għalqa. Minbarra Ċensu. Ċensu l-kelb ta' kull kulur kien marbut b'katina tqila. Ġimgħa qabel il-Milied baqra mqarba rifsitlu difru u tgħidx kemm beka. Imma ħadd ma ta kasu. Minn dakinhar la beka u lanqas nebaħ iktar. Lill-bidwi beda jdejqu u kien se jkeċċih, imma għaddiet mara qalbha tajba u ħaditu magħha f'post mimli mħabba.

Fis-santwarju tal-klieb, Ċensu baqa' mgerrex u mistħi. Ftit ftit beda jagħmel ħbieb ma' Peppi. Ċensu u Peppi kienu ferħanin se jtiru. Daqqa jaraw kif se jaħarbu, daqqa jilagħbu bil-ħabel, u meta jiġu n-nies Peppi jferfer denbu twil u Ċensu jferfer denbu qasir. Meta darba morna biex naddottaw kelb, mill-ewwel għedna, "Aħna lil Ċensu rridu!"

"Wuff Wuff!" Ħeqq! Ċensu kultant jinbaħ. Ikun irid jgħid, "Tajjeb l-ikel!" Jekk ir-re tal-ġungla huwa l-iljun, ir-re tad-dar huwa Ċensu. Fid-dar żgħira tagħna jilgħab fuq is-sufan u jorqod fuq is-sodda … u ġieli joħlom ukoll! Ġieli jisraq xi biċċa laħam … imma malajr naħfrulu.
U nibqgħu ngħixu kuntenti flimkien.

## Taqsima 12: Il-fjamingu u r-riżerva naturali

*Paġna 93*

**Ir-Riżerva Naturali tal-Għadira**

Il-bajja tal-Għadira kulħadd jaf fejn hi u min jaf kemm-il darba morna ngħumu hemm fis-sajf. Li ħafna ma jafux hu li f'dan l-istess post hemm moħbija r-Riżerva Naturali tal-Għadira.

Jiena Robert u ftit xhur ilu morna nżuru din ir-riserva ma' tal-iskola. Iltqajna ma' persuna mill-BirdLife Malta. Din hija għaqda li taħdem biex tipproteġi l-għasafar u jidher ċar li dan il-post jieħdu ħsiebu sew.

Stajna nosservaw diversi siġar u pjanti. Ħafna nies, però, imorru jżuru din ir-riżerva biex josservaw l-għasafar u l-annimali li jgħixu jew ipassu minn hemm. Ħafna għasafar jieqfu f'dan il-post waqt li jkunu qed ipassu minn pajjiż għal ieħor. Jieqfu biex jistrieħu waqt vjaġġ twil u biex isibu x'jieklu u x'jixorbu. Fost dawn l-għasafar insibu wkoll il-fjamingu.

Waqt li konna hemm stajna naraw ukoll xi fenek u xi qanfud gustuż, fjuri ta' kull lewn u anke varjetà kbira ta' insetti bħal friefet u naħal. L-iktar li għoġobni kien il-mazzarell li qatt ma kont rajt bħalu qabel.

L-iktar ħaġa li laqtitni hija l-paċi u s-skiet li ssib f'dan il-post imdawwar fin-natura.
Kemm nixtieq li jkollna aktar postijiet bħal dawn f'pajjiżna!